# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 16 ta' Dicembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Kheyre Heybe Mohamed**

**Kumpilazzjoni Nru: 771/2018**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Kheyre Heybe Mohamed, ta' 30 sena, iben Mohamed u Cibalo nee' Ayan, imwieled is-Somalia nhar il-15 ta' Mejju 1990, minghajr indirizz fiss f' Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0111598A.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-06 ta' Dicembru 2018 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi skur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar, talli f'Dicembru tas-sena 2018, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghex hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg bi ksur ta'l-artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar, illi wettaq reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LLD nhar id-29/05/2018 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, u dan bi ksur ta' l-artikolu 22B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug fis-7 ta' Dicembru 2018 ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema ordna li l-imputat ghandu jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu[1].

Rat il-Kontr'Ordni ta' l-Avukat Generali mahrug fil-15 ta' Settembru 2020 ai termini ta'l-artikolu 22(2) u l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema ordna li l-imputat jigi ppocessat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti ta'l-istess Kapitolu 101[2].

Rat li permezz ta' Ordni mahrug ukoll fil-15 ta' Settembru 2020 ai termini ta'l-artikolu 370(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[3], l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 28B u 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-7 ta' Ottubru 2020[4] meta l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

---

[1] Ref Dok JX3 bil-lingwa Maltija u Dok JX4 bil-lingwa Ingliza, a fol 10 u 11 respettivament.
[2] Ref Ordni a fol 164.
[3] Ref Rinviju ghal gudizzju a fol 164.
[4] A fol 166.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda fatti li sehhew fis-6 ta' Dicembru 2018 u fil-perjodu ta' qabel din id-data.

## Il-Provi

Illi l-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Joseph Xerri** xehed[5] u spjega li nhar is-6 ta' Dicembru 2018 ghall-habta tad-09.30pm il-pulizija f'l-ghassa ta' San Giljan kienu gew infurmati li qrib il-bus stop "Ross" fi Triq San Gorg San Giljan kien qed isir il-bejgh ta' droga. Ghalhekk marru fuq il-post PS430, PS780 u PC709 li waqqfu diversi persuni, fosthom l-imputat. Fit-tfixxija li saret fuq il-persuna tieghu instabu erba' sachets li kien fihom sustanza hadra suspettata cannabis u tnejn u ghoxrin sachet vojta; meta nstabu dawn l-affarrijet l-imputat gie arrestat. Ma'l-arrest tieghu huwa ittiehed taht il-kustodja tal-pulizija u l-ghada irrilaxxja stqarrija. Ix-xhud prezenta in atti din l-isqtarrija[6]; is-sachets li gew elevati waqt it-tfixxija li saret fuq l-imputat[7]; kif ukoll kopja ta' sentenza mghotija fil-konfront tal-imputat fid-29 ta' Mejju 2018[8].

Illi f'depozizzjonijiet sussegwenti[9] l-Ispettur Xerri rega' prezenta kopja tas-sentenza datat 29 ta' Mejju 2018[10], u prezenta tlett sentenzi ohra mghotija fil-konfront ta' l-imputat, u cioe: dik datata 29 ta' Marzu 2017[11], dik datata 25 ta' Awwissu 2014[12], u dik datata 13 ta' April 2014[13], kollha moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Prezenta ukoll kopja ta' rapport maghmul mill-imputat fis-27 ta' Frar 2017 permezz ta' liema l-imputat irrapporta li l-gurnata ta' qabel kien tilef il-permess ta' residenza tieghu meta kien qieghed il-Belt waqt il-karnival[14].

Illi t-tlett ufficjali tal-pulizija li waqqfu u arrestaw lill-imputat tressqu bhala xhieda:

- **PS 780 Ian Camilleri**[15] jghid li fuq informazzjoni li rcevew dwar bejgh ta' droga minn persuni ta' karnagjon skur vicin il-bus stop "Ross" fi Triq San

[5] Depozizzjoni a fol 20.
[6] Dok JX7 a fol 25.
[7] Dok JX8.
[8] Dok JX9 a fol 27.
[9] Dik tas-27 ta' Marzu 2019 a fol 71 u dik tas-17 ta' Gunju 2020 a fol 141
[10] Dok JX10 a fol 73.
[11] Dok JX11 a fol 76.
[12] Dok JX12 a fol 78.
[13] Dok JX13 a fol 81.
[14] Dok JX14 a fol 106.
[15] Depozizzjoni a fol 20.

Gorg, San Giljan, hu u diversi kollegi tieghu, inkluz PS 430 u PC709, marru fuq il-post. Hemm kien hemm xi sebgha jew tmien persuni; malli raw il-persuni telqu jigru kollha hlif ghal wiehed, l-imputat. Ix-xhud, PS 430 u PC709 baqghu fuq il-post u l-kollegi taghhom marru jigru wara l-ohrajn. Hekk kif x-xhud u z-zewg kollegi kienu miexjin lejn l-imputat, minn xi distanza ta' tlett metri, rah jarmi xi haga mill-but tal-lemin b'idu il-leminija; huma fil-fatt gabru dak li kien intrema u kienu erbgha pakketti b'sustanza suspettata cannabis u kien hemm ukoll aktar minn ghoxrin pakkett vojt. Ix-xhud jghid li l-imputat kellu hamsa u sebghin Euro (€75) fuqu. Wara li l-imputat ittiehed l-ghassa ta' San Giljan saret tfixxija aktar dettaljata fuq il-persuna tieghu imma ma nstab xejn aktar.

- **PS430 Andrew St John**[16] spjega li fil-gurnata in ezami kien hiereg mill-ghassa ta' San Giljan meta marret persuna fuqu biex tinfurmah li faccata tal-garaxx tal-Wembly fi Triq San Gorg, San Giljan mal-gnien pubbliku, hdejn l-istabbiliment Hole In The Wall, grupp ta' nies ta' karnaggjon skur waqqfu lil din il-persuna u offrewlha cannabis u coke. Ghalhekk ix-xhud flimkien ma' PS780 organizzaw grupp ta' pulizija li marru fuq il-post f'zewg vetturi markati tal-pulizija; huma kollha kienu liebsin l-uniformi. Waslu fuq il-post u waqqfu il-vetturi fil-kantuniera tal-gnien u fejn kien hemm grupp ta' xi tmien persuni, kollha jidhru ta' nazzjonalita Afrikana, bil-qeghda mal-kantuniera tal-gnien. Malli raw il-pulizja javvicinawhom kollha telqu jigru hlif ghall-imputat li donnu infixel bil-prezenza tal-pulizija u ma kienx jaf f'liema direzzjoni ser imur; ix-xhud mar mill-ewwel fuqu. Flimkien ma' PS780 ix-xhud ghamel search fuq l-imputat; fil-but tan-naha tal-lemin tal-kalziet sabu erbgha sachets trasparenti b'materjali li kien jidher li huwa cannabis. Fuq l-imputat sabu ukoll tnejn u ghoxrin sachet vojta u mobile phone ta'l-ghamla Samsung. Dawn l-oggetti kollha gew mpoggija go envelope u l-imputat ittiehed l-ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud irrimarka li meta kien ikun xoghol San Giljan ta' spiss kien jara lill-imputat flimkien ma grupp ta' persuni u mhux l-ewwel darba li saru searches; fil-passat sustanzi kienu jinstabu f'l-area fejn ikunu bil-qeghda pero fuq il-persuna taghhom qatt ma sabu xejn. Ix-xhud kompla jispega li fis-6 ta' Dicembru 2018, cioe il-jum in ezami, minbarra sustanza fuq il-persuna ta'l-imputat instabu ukoll diversi pakketti mifruxin 'l hawn u 'l hemm f'l-area fejn sabu lill-imputat.

- **PC709 Michael Caruana**[17] ikkonferma li fil-gurnata in ezami huwa kien ma' PS780 u PS480 meta marru jinvestigaw r-rapport li kien sar dwar bejgh tad-droga. Jghid li meta kienu miexjin lejn il-bus stop ra lill-imputat idahhal idejh fil-but u tefa xi affarijiet ma'l-art; malli waslu hdejh ra li dawn l-affarijiet kienu erba' sachets b'sustanza suspettata cannabis kif ukoll scahets vojta. L-imputat gie arrestat u fuq il-persuna tieghu sabu ukoll hamsa u sebghin Euro (€75).

[16] Depozizzjoni a fol 42.
[17] Depozizzjoni a fol 50.

Illi xehedu ukoll:
**Eunice Grech Fiorini**[18], Registratur ta' din il-Qorti, li kkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenzi mghotija fil-konfront ta'l-imputat u esebiti mill-ufficjal prosekutur.

**Helenio Galea**[19] li spjega li t-tlett xhur prigunerija imposti permezz tas-sentenza datata 25 ta' Awwissu 2014, u s-sena prignerija imposta permezz tas-sentenza datata 13 ta' April 2014, inizjalment sospiza pero reza ezekuttiva fil-25 ta' Awwissu 2014, gew skontati fil-5 ta' Settembru 2014.

Illi tul dawn l-proceduri inhatru zewg esperti:

- **Gilbert Mercieca** gie nominat biex janalizza s-sustanzi. Mid-depozizzjoni tieghu[20] u mir-rapport tieghu[21] jirrizulta li f'l-erbgha boroz kien hemm sustanza, konfermata li hija partijiet mill-pjanta tal-cannabis, li kellha piz totali ta' 1.5855 gramma; il-percentagg ta' cannabinoid Delta THC kien ta' 15.63% u kellha valur stmat ta' tlettin Euro u tnax il-centezmu (€30.12). Ix-xhud stabbilixxa ukoll li fuq is-sachets il-vojta ma kien hemm l-ebda residwu.

- **Il-Perit Richard Aquilina** gie nominat biex jistabbilixxi hemmx postijiet frekwentati miz-zaghzagh f'distanza ta' mitt metru mill-post fejn gie arrestat l-imputat. Mid-depozizzjoni[22] u rapport[23] tieghu jirrizulta li l-post fejn gie arrestat l-imputat huwa f'lokalita fejn hemm ghadd kbir ta'postijiet fejn jitlaqghu jew huma frekwentati minn zaghzagh u li dawn il-postijiet jinstabu kellm gewwa, kif ukoll barra mid-distanza ta' mitt metru minn fejn gie arrestat l-imputat.

Illi **l-imputat** mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke iddepona quddiem din il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija[24] qal li ilu Malta mis-sena 2013, li m'ghandux indirizz fiss u li kien jghix ma' xi hbieb il-Gzira, u li kellu impjieg "*in cleaning*". Dwar l-avvenimenti tas-6 ta' Dicembru 2018 qal li huwa kien ghadu kif wasal San Giljan minn Bugibba, xtara dawk il-pakketti, u kien ser imur il-Marsa; ghalhekk mar hdejn il-bus stop "*waiting car or transport*" meta waqqfuh il-pulizija. Huwa qal li l-erbgha pakketti kien fihom Marijuana. Mistoqsi dwar it-tnejn u ghoxrin sachet vojta qal li dawk tahomlu l-persuna minghand minn xtara l-erbgha' pakketti l-ohra ghax ried jaqsam l-erbgha pakketti f'pakketti

[18] Depozizzjoni a fol 146.
[19] Depozizzjoni a fol 149.
[20] A fol 60.
[21] Dok GM1 a fol 62.
[22] A fol 94.
[23] Dok RA1 a fol 96.
[24] Dok JX7 a fol 25.

zghar halli jsiebhom lesti meta jkun ha juzahom; qal ukoll li jpejjeq zewg pakketti kuljum ghax jaghmel pakkett f'nofs cigarett. Meta gie suggeriet lilu li l-ammont ta' droga li kellu kienet sufficjenti ghal aktar minn mitt joint huwa qal li ma jafx x'inhi joint. Qal ukoll pero li bid-droga li kellu fuqu kellu bizzejjed biex jaghmel erba' cigaretti. Meta mbaghad gie suggeriet lilu li allura ma kellux bzonn is-sachets il-vojta huwa qal li erba' cigaretti kien juzahom malajr ghalhekk kellu bzonn stock ta' sachets biex ipoggi d-droga meta jerga jixtri. Huwa innega li jbiegh droga u li kien xtara dik il-cannabis biex ibieghha. Mistoqsi dwar il-hamsa u sebghin Euro li nstabu fil-pussess tieghu qal li dawk kienu parti mill-paga tieghu (ta' mija u erbghin Euro fil-gimgha) bhala cleaner. L-imputat qal ukoll li dawk l-erbgha pakketti cannabis xtrahom bil-prezz ta' hamsa u ghorxrin Euro (€25.00). Mistoqsi dwar id-dokumenti ta' identifikazzjoni tieghu qal li kien tilifhom xi xaghrejn qabel u li kien ghamel rapport mal-pulizija pero il-kopja li kellu tar-rapport ixxarrbet fix-xita u tgharrqet. Qal ukoll li kien ilu xahrejn jghix barra.

Illi meta ddepona quddiem din il-Qorti[25] l-imputat qal li l-gurnata ta' qabel l-arrest tieghu huwa kien xtara cannabis minghand xi nies Gharab u l-pakketti kienu qeghdin ghandu ghax rid ipejjiphom. Qal li jpejjep zewg grammi kuljum pero jekk ma jsibx jixtri ma jpejjipx. Qal ukoll li sigarett jaqsmu fi tnejn, jimlieh  u jpejjpu. Dwar il-flus li nstabu fil-pussess tieghu jghid dawk kienu parti mill-paga ta'  mija u hamsin Euro li thallas il-gurnata ta' qabel ghax-xoghol li jaghmel bhala cleaner. L-imputat qal ukoll li hu kien ilu disa' snin juza l-cannabis. In kontroezami jghid li fil-hin li gie arrestat kien ilu xi hamsa u ghoxrin minuta fuq il-post. Qal ukoll li l-gurnata ta' qabel kien xtara sitt pakketti cannabis u li tnejn minnhom kien diga uzahom. Mistoqsi dwar it-tnejn u ghoxrin pakkett vojt jghid li l-persuna minghand min jixtri jkun irid li jgib pakketti vojta biex iqieghed id-droga fiha u ghalhekk kiennu qeghdin ghandu. Qal ukoll li huwa kien ser imur jaqbad il-karozza tal-linja biex imur id-dar il-Gzira meta arrestawh il-pulizija. Rinfaccjat b'divergenzi bejn dak li qal quddiem il-Qorti u dak li qal f'l-istqarrija l-imputat jghid li ma jiftakarx x'qal waqt l-istqarrija ghax kien ghamel hafna hin fic-cella. Insista li hu ma kienx qieghed San Giljan biex ibiegh id-droga.

## Punt Preliminari

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali maghmula mid-difensur ta'l-imputat gie sottomess li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet, ghaliex in-nota ta'l-Avukat Generali telenka biss dawk l-artikoli tal-Ligi li fuqhom huma bazati t-tielet, r-raba u l-hames

[25] Depozizzjoni a fol 169.

imputazzjonijiet. Gie sottomess li ma nharigx ordni biex din il-Qorti tkun tista tiehu konjizzjoni ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tiddecidi l-ewwel zewg talbiet.

Illi pero din is-sottomissjoni hija bazata fuq premessa zbaljata u fil-fatt hija kontradetta mill-atti.

Illi kif diga ntqal f'l-ewwel parti ta' din is-sentenza, dawn il-proceduri inbdew jinstemghu quddiem din il-Qorti bhala Qorti Struttorja. Fil-fatt fir-rigward ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-prosekuzzjoni ottjeniet l-Ordni ta' l-Avukat Generali, rikjest ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ai termini ta' liema gie ordnat li l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi konsegwentement biex (wara l-eghluq tal-kumpilazzjoni) din il-Qorti tipprocedi bis-smiegh tal-kawza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kien mehtieg ordni gdid ta' l-Avukat Generali ('l hekk imsejjah Kontr'Ordni) ai termini ta' l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet; u kien mehtieg ukoll r-rinviju ghal gudizzju ordnat mill-istess Avukat Generali ai termini ta'l-artikolu 370(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ('l hekk imsejjha Artikoli) fir-rigward ta'l-ahhar tlett imputazzjonijiet.

Illi kif jirrizulta mill-atti fil-15 ta' Settembru 2020 l-Avukat Generali hareg kemm il-Kontr'ordni kif ukoll l-Artikoli. Iz-zewg ordnijiet huma mghotija f'zewg paritijiet ta' dokument wiehed prezenatat in atti[26]. M'hemm xejn fil-Ligi li tirrikjedi li ordnijiet simili ikunu redatti f'dokumenti separati ghalhekk huwa car li din l-Qorti hija kompetenti biex tiddeciedi l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat u li m'hemmx lok ghal astensjoni fir-rigward ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

## L-Imputazzjonijiet

Ikkunsidrat

<u>L-Ewwel Zewg Imputazzjonijiet</u>

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'zewg reati: pussess aggravat ta' raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis, u li kkommetta dan ir-reat fid-distanza ta' mitt metru minn postijiet fejn abitwalment jiltaqghu z-zaghzagh.

[26] A fol 164.

Illi l-imputat mhux qed jikkontesta l-fatt li fil-mument li meta gie arrestat mill-pulizija fil-pussess tieghu kellu erbgha sachets li kien fihom sustanza li kienet cannabis (hu jirreferi ghaliha bhal Marijuana). L-imputat jghid pero li dik is-sustanza kienet ghall-uzu personali tieghu.

Illi l-Qrati taghna pronunzjaw ruhhom diversi drabi dwar il-pussess aggravat u l-prova necessarja biex jinghad li jissussisti dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Borg[27] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li ghamlet referenza ghas-sentenza mghotija minn dik l-istess Qorti fil-kawza Pulizija vs Marius Magri[28], qalet hekk:

> *.... dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwisjtoni ma kienx ghall-uzu esklussiv jigifieri ghall-uzu biss tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiteri" [2.9.1999].)*
>
> *Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002]).*

Illi dawn is-sentenzi gew citati b'approvazzjoni mill-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza ferm aktar ricenti u cioe Pulizija vs Dorothy Refalo[29], fejn il-Qorti ghamlet referenza ukoll ghal gurisprudenza ohra dwar l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat issa in ezami. B'mod partikolari

[27] Deciza fit-12 ta' Frar 2009.
[28] Deciza fit-12 ta' Mejju 2005.
[29] Deciza fis-26 ta' April 2019.

irreferiet ghas-sentenza mghotija fil-kawza f'l-simijiet Pulizija vs Jason Mallia[30] fejn intqal hekk:

> *Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li* **mhux korrett** *li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ippruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhix meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li liġi tirrikjedi hu li jiġu ppruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinċent morali 'li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.' Fi kliem ieħor. Jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.*

Illi aktar minn hekk f'sentenza mghotija fil-kawza f'l-ismijiet Il-Pulizija vs Jeffrey Sammut[31] l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali irribadiet il-principju li, anke fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet l-oneru tal-prova l-prosekuzzjoni tista' tilhqu bi provi diretti jew bi provi indizjarji.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat instab fil-pussess ta' 1.585 grammi cannabis grass li kienu maqsumin f'erba' pakketti zghar; l-imputat kellu ukoll fil-pussess tieghu tnejn u ghoxrin scahet vojta.

Ill l-imputat ma kienx konsistenti fil-verzjoni tieghu u ghamel diversi asserzjonijiet li assolutament mhumiex verosimili. Dwar l-erba' pakketti f'l-istqarrija qal li kien ghadu kif xtrahom meta gie arrestat; huwa kien spjega li kien ghadu kif wasal San Giljan minn Bugibba, xtara dawk l-erba' pakketti, u kien qieghed hdejn il-bus stop jistenna il-karozza tal-linja biex imur il-Marsa. Waqt id-depoizzjoni tieghu pero qal li dawk il-pakketti kien xtrahom il-gurnata ta' qabel u zammhom fuqu ghax ried ipejjiphom. In kontro-ezami mbaghad qal li kien xtara sitt pakketti il-gurnata ta' qabel l-arrest tieghu u li kien lahaq pejjep tnejn minnhom u kien baqalu erbgha. Waqt id-depozizzjoni tieghu qal ukoll li hu kien ilu xi hamsa u ghoxrin minuta San Giljan sakemm intervjenew il-pulizija.

Illi dwar it-tnejn u ghoxrin sachet vojta, f'l-istqarrija qal li dawk kienu tahomlu l-persuna minghand min kien xtara l-Marijauna biex ikun jista' jaqsam l-erbgha pakketti f'dozi izghar b'mod li jsiebhom lesti meta jkun ha juzahom Fid-depozizzjoni pero qal li l-persuna minghand min jixtri d-droga jkun irid li min

---

[30] Mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999.
[31] Deciza 29 ta' Settembru 2005.

jixtri minghandu jgib il-boroz tieghu biex hu kemm ipoggilhom d-droga fil-boroz li jipprovdu huma stess.

Illi dawn mhux l-unici diskrepanzi f'dak li jghid l-imputat. F'l-istqarrija huwa jghid li d-dokumenti ta' identifikazzjoni tieghu kien tilifhom u li kien ilu xi xahrejn minghajrhom; la darba l-istqarrija giet rilaxxjata fis-7 ta' Dicembru 2018, skond din il-verzjoni, l-imputat kien ilu li tilifhom minn Ottubri 2018. Dan pero ma jistax ikun ghaliex huwa ghamel rapport lill-pulizija fi Frar 2017.

Illi tenut kont ta' dan l-Qori ma tistax taghti wisq kredibilita lil dak li jghdi l-imputat.

Illi fil-verita l-kwantita ta' droga li kellu fuqu l-imputat mhiex xi kwantita konsiderevoli. Pero meta l-Qorti tqies l-inkonsistenzi fil-verzjonijet mghotija mill-imputat dwar kif u meta akkwista dik id-droga, u aktar u aktar meta tqies li ma tahx raguni valida ghalfejn kellu dawk t-tnejn u ghoxrin sachet fil-pussess tieghu, u meta tqies ukoll li l-imputat ma kienx qieghed wahdu meta gie arrestat imma f' grupp ta' persuni li kollha (hlifu ghax infixel) telqu jigru malli raw il-pulizija, tikkonvinci ruhha li dawn ic-cirkostanzi juru li d-droga li l-imputat kellu fil-pussess tieghu ma kenitx ghall-uzu personali tieghu.

Illi l-imputat gie arrestat fi Triq San Gorg, San Giljan faccata ta' l-istabbiliment Wembley Car Hire. Jirrizulta mir-rapport tal-Perti Richard Aquilina li f'dik il-parti ta' Triq San Gorg abitwalment jiltaqghu zaghzagh, barra fit-triq, fil-gnien, kif ukoll fil-hafna stabbilimenti li hemm f'parametru ta' mitt metru minn fejn kien qieghed l-imputat.

Illi in vista tas-suepsost jirrizulta li l-imputat kien fil-pussess ta' droga f' cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu eskulussiv tieghu u li dan kollu sehh f'distanza ta' mitt metru min postijiet fejn abitwalment jiltaqghu z-zaghzagh.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju pero l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissoleva ex officio kwistjoni li tista' twassal ghall-liberatorja ta' l-imputat fir-rigward ta' l-ewwel u konsegwentement t-tieni imputazzjonijiet.

Illi in atti hemm tlett citazzjonijiet: tnejn bil-lingwa Maltija u wahda bil-lingwa Ingliza.

Illi mal-prezentata taht arrest l-ufficjal prosekutur prezenta citazzjoni bil-Malti[32], pero, peress li f'dik l-udjenza il-proceduri saru b'l-Ingliz prezenta u qara citazzjoni ohra bil-lingwa Ingliza[33]. Waqt l-udjenza mizmuma fid-19 ta'

---

[32] A fol 1.
[33] A Fol 2.

Dicembru 2018, peress li issa kien hemm disponibbli interpretu li seta' jitraduci direttament mill-Malti ghall-Ingliz, il-Qorti ordnat li l-proceduri jitkomplew bil-lingwa Maltija. F'dik l-istess udjenza l-ufficjal prosekutur talab korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li tizdied imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputat. L-ufficjal prosekutur ghalhekk prezenta citazzjoni (bil-Malti) b'l-imputazzjoni gdida inkorporata fiha u din giet moqrija u konfermata b'gurament; rega' sa l-ezami ta'l-imputat u l-kumpilazzjoni tmexxiet bil-Malti a bazi ta' dik it-tieni citazzjoni redatta bil-lingwa Maltija[34].

Illi l-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni bil-lingwa ingliza kienet tirreferi ghar-reat ravvizat f'l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe pussess aggravat tal-pjanta tal-cannabis.

Illi pero l-ewwel imputazzjoni fiz-zewg citazzjonijiet bil-lingwa Maltija tirreferi ghall-pussess aggravat ta' raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis, reat ravvizat f'l-arrtikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputazzjoni taqra hekk:

> *Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;*

Illi la darba l-proceduri odjerni tmexxew bil-lingwa Maltija a bazi tat-tieni citazzjoni redatta bil-Malti, biex tissussisti l-ewwel imputazzjoni kellu jigi pruvat li l-imputat kellu fil-pussess tieghu raza tal-cannabis. Mill-provi processwali jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu il-pjanta tal-cannabis.

Illi ghalkemm fiz-zewg istanzi si tratta ta' xi forma ta' cannabis, il-legislatur hass li kellu jaghmel distinzjoni bejn il-pjanta tal-cannabis, u r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis tant li krea reati separati u distinti prospettati f'dispozizzjonijiet separati u distinti tal-Kaptiolu 101; dan sia fir-rigward ta' pussess u sia fir-rigward tat-traffikar. Fil-fatt il-pussess u traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis huma reati ravvizati fi-subparagrafi (a) u (b) rispettivament ta'l-artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li l-pussess u traffikar tal-pjanta tal-cannabis huma reati ravvizati fis-subparagrafi (d) u (e) ta'l-artikolu 8 tal-Kapitolu 101.

Illi dwar id-distinzjoni fir-reati dwar tipi differenti ta' cannabis u kif ghandhom jigu imfassla imputazzjonijiet fir-rigward Archbold jghid li

[34] A fol 17.

*Although "cannabis', "cannabis resin", "cannabinol" and "cannabinol derivatives" are types of cannabis, they are not generic for the purposes of drafting charges. Since each drug is separately controlled, they should be separately particularised .... The kind of separation contemplated by section 37(1) in the definition of "cannabis resin" is a serious and deliberate removal of the resin of the plant by whatever process is available. Mere possession of some leaves and stalk from a plant of the genus cannabis, which have been separated from the plant is not sufficient; nor does merely removing a stem or leaf or some other component of the plant constitute the kind of separation contemplated by section 37(1).*[35]

Illi f'dan is-sens esprimiet ruhha ukoll il-Qorti ta'l-Appell Kriminali. F'sitwazzjoni fejn imputat giet akkuzat bi traffikar tal-pjanta tal-cannabis izda d-droga li nstabet kienet raza, dik il-Qorti lliberat lill-imputat u qalet hekk:

*Fi kwalunkwe kaz, jekk id-droga li kellu ..... kienet raza tal-cannabis (giet minn fejn giet), l-imputazzjoni kellha tkun bazata fuq l-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 u mhux fuq l-artikolu 8(e) tal-Kap. 101. Fil-kaz taz-zerriegha, din taqa' taht l-artikolu 8(e) tal-Kap. 101.*[36]

Illi dan il-principju gie riaffermet ukoll mill-Qorti tal-Magistrati. Fl-fatt fis-sentenza mghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Abdelkader Chergui ntqal hekk:

*La darba l-imputat gie akkuzat bil-pussess tal-pjanta tal-cannabis u mhux tar-raza tal-cannabis, li dwarhom il-ligi taghmel distinzjoni tant illi z-zewg reati jemergu minn zewg artikoli differenti ossia l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 in kwantu r-raza u l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 in kwantu l-pjanta, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.*[37]

Illi tenut kont ta' dan u la darba l-imputat kellu fil-pussess tieghu pjanta tal-cannabis u mhux raza huwa ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel inputazzjoni kif dedotta. Konsewgentement lanqas ma jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat

<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

[35] Sweet and Maxwell 2016 Edition, 227-129 pagna 2752.
[36] Ref Il-Pulizija vs Emmanuel Fenech deciza 04 ta' Gunju 2004.
[37] Deciza 28 ta' Frar 2018. Ref ukoll Il-Pulizija vs Wayne Said, deciza 28 ta' Awwissu, 2017, u Il-Pulizija vs Abdikadir Hashi Said, deciza 28 ta' Lulju 2017.

Illi din it-tielet imputazzjoni hija wahda ta' natura kontravvenzjonali u permezz taghha l-imputat qed jigi akkuzzat li kien qed jghix hajja ta' ghazz u vagabunagg, reat ravvizat fl-artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni jibda biex jinghad li f'l-istqarrija tieghu l-imputat jghid li kellu impjieg "*in cleaning*". Aktar minn hekk kemm f'l-istqarrija kif ukoll waqt li kien qed jiddeponi quddiem din il-Qorti l-imputat insista li l-flus li nstabu fuq kienu parti mill-hlas ghax-xoghol tieghu bhala cleaner, b'l-implikazzjoni cara li huwa kien jahdem bhala cleaner. Il-prosekuzzjoni min-naha l-ohra ma gabet l-ebda prova in sostenn ta'l-allegazzjoni li l-imputat kien jghix hajja ta' ghazz.

Illi dwar residenza o meno, f'l-istqarrija l-imputat qal li "*I do not have a permanent address I used to live in Gzira with my friends*". F'l-istqarrija qal ukoll li fil-hin li gie arrestat (ghall-habta tad-09.30pm) kien ghadu kif wasal San Giljan minn Bugibba, xtara l-cannabis, u kien qieghed hdejn il-bus stop ghax "*my plan was to go back to Marsa*". Minn din l-asserzjoni wiehed jista' jiddezumi li l-imputat kien qed jikkunsidra bhala "residenza" tieghu xi post il-Marsa. Aktar minn hekk f'l-istqarrija, mistoqsi kemm kien ilu minghajr dar[38] jghid li ftit aktar minn xahrejn.

Illi min-naha l-ohra f'l-ewwel interrogatorju quddiem il-Qorti (wara l-qari u konferma b'gurament tac-citzzjoni) l-imputat qal li jghix x'imkien il-Gzira. Fit-tieni interrogatorju qal li jghix 32 Triq Coleridge Gzira. Meta kien qed jiddeponi u b'referenza ghall-mument ta' l-arrest tieghu huwa qal li kien hdejn il-bus stop jistenna biex imur id-dar il-Gzira.

Illi in sostenn tat-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest l-imputat prezenta zewg skritturi fir-rigward ta' lokzzjoni tal-fond 32 Triq Coleridge Gzira. L-ewwel wahda[39] hija datata 10 ta' Awwissu 2018; permezz taghha, wara li saret referenza ghall-ftehiem datat 11 ta' Mejju 2017, il-partijiet estendew l-lokazzjoni sad-9 ta' Dicembru 2018. Minn din l-iskrittura jidher li l-fond imsemmi kien gie mikri lil hames persuni fosthom l-imputat. It-tieni skrittura[40] hija datata 3 ta' April 2019; permezz taghha u b'referenza ghal-lokazzjoni tal-11 ta' Mejju 2017 gie miftiehem li wiehed mill-inkwilini ghandu jigi sostwiet.

Illi minn dan huwa car li hemm kunflitt bejn dak li jghid l-imputat f'l-istqarrija u dak li jghid quddiem din il-Qorti, kunflitt li jqajjem dubbji serji dwar il-lokazzjonijiet esebieti u l-awtenticita taghhom.

[38] "How long have you been without a home?"
[39] A fol 45.
[40] A fol 87

Illi l-ewwel skrittura esebieta tindika li l-lokazzjoni tal-fond f'Coleridge Street Gzira giet estiza sad-9 ta' Dicembru 2018. Pero meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija fis-7 ta' Dicembru 2018 l-imputat qal li kien ilu bla dar ghall aktar minn xahrejn; dan meta lokazzjoni suppost kienet ghadha vigenti. Il-Qort ma tistax ma tosservax ukoll li t-tieni skrittura esebita giet iffirmata, inkluz mill-imputat, fit-3 ta' April 2019 meta hu kien detenut il-facilita korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv. F'din l-iskrittura ghalkemm hemm referenza ghall-lokazzjoni originali ta' Mejju 2017, m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi estensjoni effettiva minn Dicembru 2018 meta skadiet l-estensjoni iffirmata f'l-10 ta' Awwissu 2018.

Illi in atti hemm esebiti sentenzi mghotija fil-konfront ta' l-imputat. F'dik datata 25 ta' Awwissu 2014 hemm indikazzjoni li l-imutat kien jghix f'fond fi Triq Gzira, Gzira; f'dik datata 29 ta' Marzu 2017 hemm indikazzjoni li l-imputat kien jghix f' Triq Coleridge Gzira; u f'dik datata 29 ta' Mejju 2018 hemm indikazzjoni li l-imputat ma kellux residenza fissa. Dak li jemergi minn dawn is-sentenza jirrifleti dak li jemergi mill-verzjoni ta'l-imputat mghotija f'l-istqarrija u cioe li kien jghix il-Gzira mal-hbieb, u f'l-ahhar tas-sena 2018 kien ilu aktar minn xahrejn minghajr dar.

Illi ghalhekk l-Qorti hija konvinta li tista taghti affidament dak li ntqal f'l-istqarrija aktar milli dak li jghid l-imputat quddiem din il-Qorti u cioe li l-imputat ma kellux residenza fissa.

Illi dan pero ma jfissirx necessarjament li l-imputat kien qed jghix hajja ta' vegabundagg (*a vagrant life* fil-verzjoni b'l-Ingliz tal-Kaptiolu 9).

Illi skond Black's Law Dictionary[41] *vagrant* huwa *any one belonging to the several classes of idle and disorderly persons, rogues and vagabonds. One who, not having a settled habitation, strolls from place to place; a homeless, idel wanderer. The term often refers to one who spends time in idleness, lacking any visible means of support*. *Vagrancy* mbaghad hija definita bhala *the state or condition of wandering from place to place without a home, job or means of support. Vagrancy is generally considered a course of conduct or a manane of living, rather than a single act*.

Illi fil-proceduri odjerni, ghalkemm jirrizulta li l-imputat ma kellux residenza fissa, ma tressqet l-ebda prova li turi li kien qed jghix barra, jew jiggerra fit-toroq jew li ma kellux mezzi biex jghajjex lilu nnifsu.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont li ma tressqet l-ebda prova li tikkontradici dak li jghid l-imputat dwar l-impjieg tieghu din it-tielet imputazzjoni ma gietx pruvata.

---

[41] Ninth Edition.

Ikkunsidrat

Ir-Raba u l-Hames Imputazzjonijiet

Illi permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li ikkommetta reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza u li huwa recidiv.

Illi dawn l-imputazzjonijiet jiddependu fuq sejbin ta' htija fuq l-imputazzjonijiet principali u cioe fuq sejbin ta' htija f'l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Illi la darba l-imputat mhux qed jinstab hati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet lanqas ma jista jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazjzonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

In konkluzzjoni l-Qorti **tordna d-distruzzjoni tad-droga u oggetti esebiti Dok JX8** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**